MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2002

Numru 519/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Zarb)**
**vs**
**Kevin Cremona**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Kevin Cremona ta' 21 sena, bin Carmel u Barnardette nee' Camilleri, imwieled Pieta' fil-25 ta' Awissu, 1981 u residenti 5, 'Benchar' Triq Blaa l-Kahla, St. Venera, u detentur ta' karta ta' identita numru 467981(m) akkuzat talli:

a. Fit-22 ta' Mejju 2002 u fil-granet ta'wara, fil-Mellieha u fi bnadi ohra ta' dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' Credit Card u Lm100.00 fi flus kontanti u dan billi ghamel uzu ta' Credit Card tal-HSBC f'isem Emanuel Pisani, liema serq sar ghad-detriment tal-

imsemmi Emanuel Pisani kif ukoll ghal HSBC, liema serq hu aggravat bil-valur, u dan bi ksur tal-Artikoli 267 u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b. ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera’ haga b’ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ crediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ghad-detriment ta’ Emanuel Pisani, tal-HSBC, Mil Ideas u persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikoli 308 u 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c. ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawn il-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, nkella illi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellu jkollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe ghamel falsifikazzjoni tal-firma ta’ Emanuel Pisani u ta’ persuni ohra, u dan kollu ghad-dannu ta’ l-istess Emanuel Pisani, HSBC, Mil Ideas, u aktar talli xjentement ghamel uzu mill-istess dokumenti iffalsifikati hawn fuq imsemmija u dan bi ksur tal-Artikoli 183 u 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

d. xjentement laqa’ ghandu jew xtara affarijiet misruqa, mehdua b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li kien indahal biex imexxihom jew ibieghhom u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi f’liema ammissjoni ippersista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra.

Hadet konjizzjoni tal-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkonsidrat:

Li stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti. Ikkonsidrat l-fedina penali u l-fatturi u cirkostanzi l-ohra kollha. Rat l-Artikoli 26(c), 267, 279(b), 18, 308, 309, 183, 184 u 17 tal-Kap 9. Rat li l-akkuza ta' ricettazzjoni taht l-Artikolu 334, Kap 9, hija alternattiva ghal dik ta' serq, tiddecidi ghaldaqstant li tapplika fil-konfront tal-imputat l-Artikolu 9 tal-Kap 152 billi tllliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien xahar millum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat r-responsabbiltajiet tieghu nascenti minn dina s-sentenza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------